Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0323

Riżerva ta’ Aġġustament għall-Brexit

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1755 fir-rigward tal-ammonti allokati lill-Istati Membri skont ir-Riżerva ta’ Aġġustament għall-Brexit (COM(2025)0513 – C10-0216/2025 – 2025/0289(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0513),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 175 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0216/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-23 ta’ Ottubru 2025[1],

– wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

– wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-19 ta' Novembru 2025, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A10-0233/2025),

---

1 Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P10_TC1-COD(2025)0289

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tas-16 ta' Diċembru 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1755 fir-rigward tal-ammonti allokati lill-Istati Membri skont ir-Riżerva ta’ Aġġustament għall-Brexit

(Peress li ntlaħaq fteħim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2026/211.)